## FUQ XBIEHA LI HEMM FUQ QABAR

*B'xagħrek imġiegħed, b'wiċċ ta' ferħ u hena,*
*U bi tbissima sħuna fuq xufftejk,*
*Tinsab hemm fuq ta' qabrek l-irħam kiesaħ,*
*Biex tfakkar lil ta' wrajk li int kont tgħix,*
*U kellek ruħ u ġisem bħalhom, ħelu*
*Bil-ħajja mimli, biex dawn jiftakru fik,*
*U jaħsbu ftit fix-xejn tal-ġisem tagħhom!*
*'Ma dawn huma xi ftit, għaliex l-oħrajn*
*Jitħassru biss il-ġmiel tal-ġisem jitfi,*
*U ma jqisux li huma wkoll jiġrilhom*
*Bħalma ġara lilek, jintfew bħal xemgħa,*
*U ma jsirux ħlief għadam, għabra w dwied!*

*Għaddew is-snin u int bqajt hemm setgħana*
*Tisfida r-riħ, il-bard, ix-xita, l-kesħa,*
*U bi tbissimtek ħelwa ssaltan waħdek,*
*Fuq dak l-imkien ta' mewt dwejjaq u mrar.*
*Int tibqa' hekk, b'dik it-tbissima sħuna,*
*Li ma tixbidx biżżejjed surtek kerha,*
*Taħt dik l-irħama kiesħa minn ta' qabrek,*
*Li ma fih xejn, għajr kesħa, trab u għadam!*

ĠOV. L. BONNICI

## FUQ QABAR

*Hawnhekk jinsab midfun wieħed minn dawk*
*Li fihom seħħ miraklu l-aktar kbir.*
*Ma kien jaf xejn għax b'qari ma riedx jaf;*
*L-aktar magħruf ġor-raħal fost il-ħmir.*
*Hareġ għall-elezzjoni u tellugħ;*
*F'daqqa sar jifhem f'kollox daqs il-kbar.*
*Seħħ il-miraklu, ma baqax li kien.*
*Għid talba int w-għaddej għal dan il-ħmar:*
*Agħmel miraklu ikbar, ja Mulej,*
*Li jagħrfu l-ħmir ħajjin li m'huma xej.*

25.9.64 Ġ. AQUILINA